**Il-Ġimgħa**

**It-Tieni ġimgħa tas-salterju**

IT-TIENI ĠIMGĦA

IL-ĠIMGĦA

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU
1.
Niżżuk ħajr, Mulej, li tajtna
jum ta' xogħol fil-għalqa tiegħek:
frott il-ħidma noffruh lilek,
bħal qaddejja umli tiegħek.

2.
Rodd, għalhekk, il-ħlas imwiegħed
lill-ħaddiema li qdewk sewwa,
biex ifaħħru 'l min qabbadhom,
Sid ħanin u qalbu tajba.

3.
Int li qiegħed issejħilna,
għax ħlas kbir hemm jistenniena,
għinna nerfgħu l-piż li jmissna,
kun is-serħ wara t-tbatija.

4.
Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Amen.

SALMODIJA
Ant. 1 Mulej, eħlisli 'l ħajti mill-mewt, u 'l riġlejja mit-tfixkil.
L-Għid: Il-Mulej ħallni mill-irbit ta' l-imwiet, hallelujah.

Salm 114 (116A)
Inħobb il-Mulej, *
għax sema' leħen it-tħannin tiegħi;
għaliex hu tani widen *
fil-jum li fih sejjaħtlu.

Il-ħbula tal-mewt dawruni, †
l-irbit ta' l-imwiet ħakimni; *

fin-niket u l-hemm sibt ruħi.
Imma isem il-Mulej sejjaħt: *
“Mulej, nitolbok, salvani!”

Ħanin il-Mulej, u ġust; *
twajjeb hu Alla tagħna,
Iħares id-dgħajfa l-Mulej; *
jiena kont magħkus, u hu ħelisni.

Erġa’, ruħ tiegħi, għall-mistrieħ tiegħek, *
għax il-Mulej għamillek il-ġid.

Għax mill-mewt ħelisli ‘l ħajti, *
lil għajnejja mid-dmugħ u ‘l riġlejja mit-tfixkil.
Jien nimxi quddiem il-Mulej *
fl-art tal-ħajjin.

Ant. Mulej, eħlisli ‘l ħajti mill-mewt, u ‘l riġlejja mit-tfixkil.
Ant. 2 L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art.
L-Għid: Il-Mulej ħares il-poplu tiegħu bħal ħabba ta’ l-għajn, hallelujah.

Salm 120 (121)
Nerfa’ għajnejja lejn l-għoljiet: *
mnejn se tiġini l-għajnuna?
L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, *
li għamel is-sema u l-art.

Ma jħalli qatt li riġlek jogħtor; *
ma jongħosx dak li jħarsek.
Ara, la jongħos u lanqas jorqod *
dak li jħares lil Iżrael.

Il-Mulej hu dak li jħarsek; *
il-Mulej hu d-dell tiegħek fuq lemintek.
Ma tolqtokx ix-xemx binhar, *
anqas il-qamar billejl.

Iħarsek il-Mulej minn kull deni; *
hu jħarislek ħajtek.
Il-Mulej iħarsek fil-ħruġ u d-dħul tiegħek, *
minn issa u għal dejjem.

Ant. L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art.
Ant. 3 Sewwa u veri t-trqat tiegħek, Sultan tal-ġnus.
L-Għid: Il-Mulej il-qawwa u l-foħrija tiegħi: hu sar għalija s-salvazzjoni, hallelujah.

Kantiku (Apok 15,3-4)
Kbar u ta’ l-għaġeb l-għemejjel tiegħek, *
Mulej, Alla li tista’ kollox;

sewwa u veri t-triqat tiegħek, *
Sultan tal-ġnus. –

Min, Mulej, ma jibżax minn ismek? *
Min ma jsebbħux?
Għaliex int waħdek qaddis: †
u l-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, *
għax magħrufa saru l-ġudizzji tiegħek.

Ant. Sewwa u veru t-triqat tiegħek, Sultan tal-ġnus.

LEZZJONI QASIRA 1 Kor 2,7-10a
Aħna ngħallmu l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru, li Alla fassal mill-bidunett għas-sebħ tagħna, għerf li ebda wieħed mill-mexxejja ta' din id-dinja ma għarfu; għax kieku għarfuh, qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tas-sebħ. Imma, bħalma hu miktub, aħna nħabbru dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, u li Alla lesta għal dawk li jħobbuh. Għax lilna Alla wrihulna permezz ta' l-Ispirtu.

RESPONSORJU QASIR
R. Kristu miet għal dnubietna, * Biex iressaqna lejn Alla. Kristu.
V. Tawh il-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fir-ruħ. * Biex iressaqna lejn Alla. Glorja. Kristu.

Ant. tal-kant. ta' Marija Ftakar, Mulej, fil-ħniena tiegħek, bħalma wegħedt lil missirijietna.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja …

Ant. tal-kant. ta' Marija Ftakar, Mulej, fil-ħniena tiegħek, bħalma wegħedt lil missirijietna.

PREĊI
Inbierku lil Kristu Sidna, li fit-tjieba u l-ħniena tiegħu jixxotta d-dmugħ ta' min hu fin-niket. Nitolbuh bl-imħabba kollha u bl-umiltà ta' qalbna:
Mulej, ħenn għall-poplu tiegħek.
Mulej Ġesù, inti l-faraġ ta' l-imsejknin:
- agħti kas tal-biki tal-foqra tiegħek.
Alla ħanin, jasal quddiemek it-tnehid tal-moribondi:
- ibagħtilhom l-anġlu tiegħek biex jieqaf magħhom.
Agħmel li l-eżiljati u r-rifuġjati kollha jħossu l-providenza tiegħek:
- reġġagħhom lejn art twelidhom sa ma tilqagħhom fil-patrija tas- sema.
Agħti l-grazzja lill-midinbin imsejkna biex jintrebħu minn imħabbtek:
- erġa' ħabbibhom miegħek u mal-Knisja tiegħek.
Uri tjubitek lil ħutna l-mejtin u salvahom:
- ħa jkollhom ix-xorti li jiksbu l-fidwa sħiħa.

Missierna

Talba
O Alla, fl-iskandlu tas-salib inti wrejt b'mod ta' l-għaġeb l-għerf tiegħek bla qjies; agħmel li nifhmu sewwa l-glorja tal-Feddej tagħna fil-passjoni tiegħu, biex qatt ma jonqosna l-kuraġġ li niftaħru bis-salib ta' l-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla.

Għeluq
Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. Amen.

IT-TIENI ĠIMGĦA

IL-ĠIMGĦA

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

INNU
1.
Niżżuk ħajr, Mulej, li tajtna
jum ta' xogħol fil-għalqa tiegħek:
frott il-ħidma noffruh lilek,
bħal qaddejja umli tiegħek.

2.
Rodd, għalhekk, il-ħlas imwiegħed
lill-ħaddiema li qdewk sewwa,

biex ifaħħru ‘l min qabbadhom,
Sid ħanin u qalbu tajba.

3.
Int li qiegħed issejħilna,
għax ħlas kbir hemm jistenniena,
għinna nerfgħu l-piż li jmissna,
kun is-serħ wara t-tbatija.

4.
Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier, u lill-Ispirtu
Difensur u Faraġ tagħna. Amen.

SALMODIJA
Ant. 1 Mulej, eħlisli ‘l ħajti mill-mewt, u ‘l riġlejja mit-tfixkil.
L-Għid: Il-Mulej ħallni mill-irbit ta’ l-imwiet, hallelujah.

Salm 114 (116A)
Inħobb il-Mulej, *
għax sema’ leħen it-tħannin tiegħi;
għaliex hu tani widen *
fil-jum li fih sejjaħtlu.

Il-ħbula tal-mewt dawruni, †
l-irbit ta’ l-imwiet ħakimni; *
fin-niket u l-hemm sibt ruħi.
Imma isem il-Mulej sejjaħt: *
“Mulej, nitolbok, salvani!”

Ħanin il-Mulej, u ġust; *
twajjeb hu Alla tagħna,
Iħares id-dgħajfa l-Mulej; *
jiena kont magħkus, u hu ħelisni.

Erġa’, ruħ tiegħi, għall-mistrieħ tiegħek, *
għax il-Mulej għamillek il-ġid.

Għax mill-mewt ħelisli ‘l ħajti, *
lil għajnejja mid-dmugħ u ‘l riġlejja mit-tfixkil.
Jien nimxi quddiem il-Mulej *
fl-art tal-ħajjin.

Ant. Mulej, eħlisli ‘l ħajti mill-mewt, u ‘l riġlejja mit-tfixkil.
Ant. 2 L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art.
L-Għid: Il-Mulej ħares il-poplu tiegħu bħal ħabba ta’ l-għajn, hallelujah.

Salm 120 (121)
Nerfa’ għajnejja lejn l-għoljiet: *

mnejn se tiġini l-għajnuna?
L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, *
li għamel is-sema u l-art.

Ma jħalli qatt li riġlek jogħtor; *
ma jongħosx dak li jħarsek.
Ara, la jongħos u lanqas jorqod *
dak li jħares lil Iżrael.

Il-Mulej hu dak li jħarsek; *
il-Mulej hu d-dell tiegħek fuq lemintek.
Ma tolqtokx ix-xemx binhar, *
anqas il-qamar billejl.

Iħarsek il-Mulej minn kull deni; *
hu jħarislek ħajtek.
Il-Mulej iħarsek fil-ħruġ u d-dħul tiegħek, *
minn issa u għal dejjem.

Ant. L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art.
Ant. 3 Sewwa u veri t-trqat tiegħek, Sultan tal-ġnus.
L-Għid: Il-Mulej il-qawwa u l-foħrija tiegħi: hu sar għalija s-salvazzjoni, hallelujah.

Kantiku (Apok 15,3-4)
Kbar u ta' l-għaġeb l-għemejjel tiegħek, *
Mulej, Alla li tista' kollox;
sewwa u veri t-triqat tiegħek, *
Sultan tal-ġnus. –

Min, Mulej, ma jibżax minn ismek? *
Min ma jsebbħux?
Għaliex int waħdek qaddis: †
u l-ġnus kollha jiġu jinxteħtu quddiemek, *
għax magħrufa saru l-ġudizzji tiegħek.

Ant. Sewwa u veru t-triqat tiegħek, Sultan tal-ġnus.

LEZZJONI QASIRA 1 Kor 2,7-10a
Aħna ngħallmu l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru, li Alla fassal mill-bidunett għas-sebħ tagħna, għerf li ebda wieħed mill-mexxejja ta' din id-dinja ma għarfu; għax kieku għarfuh, qatt ma kienu se jsallbu l-Mulej tas-sebħ. Imma, bħalma hu miktub, aħna nħabbru dak li għajn qatt ma rat u widna qatt ma semgħet, dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, u li Alla lesta għal dawk li jħobbuh. Għax lilna Alla wrihulna permezz ta' l-Ispirtu.

RESPONSORJU QASIR
R. Kristu miet għal dnubietna, * Biex iressaqna lejn Alla. Kristu.
V. Tawh il-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fir-ruħ. * Biex iressaqna lejn Alla. Glorja. Kristu.

Ant. tal-kant. ta' Marija Ftakar, Mulej, fil-ħniena tiegħek, bħalma wegħedt lil missirijietna.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

Glorja …

Ant. tal-kant. ta' Marija Ftakar, Mulej, fil-ħniena tiegħek, bħalma wegħedt lil missirijietna.

PREĊI
Inbierku lil Kristu Sidna, li fit-tjieba u l-ħniena tiegħu jixxotta d-dmugħ
ta' min hu fin-niket. Nitolbuh bl-imħabba kollha u bl-umiltà ta' qalbna:
Mulej, ħenn għall-poplu tiegħek.
Mulej Ġesù, inti l-faraġ ta' l-imsejknin:
- agħti kas tal-biki tal-foqra tiegħek.
Alla ħanin, jasal quddiemek it-tnehid tal-moribondi:
- ibagħtilhom l-anġlu tiegħek biex jieqaf magħhom.
Agħmel li l-eżiljati u r-rifuġjati kollha jħossu l-providenza tiegħek:
- reġġagħhom lejn art twelidhom sa ma tilqagħhom fil-patrija tas- sema.
Agħti l-grazzja lill-midinbin imsejkna biex jintrebħu minn imħabbtek:
- erġa' ħabbibhom miegħek u mal-Knisja tiegħek.
Uri tjubitek lil ħutna l-mejtin u salvahom:
- ħa jkollhom ix-xorti li jiksbu l-fidwa sħiħa.

Missierna

Talba
O Alla, fl-iskandlu tas-salib inti wrejt b'mod ta' l-għaġeb l-għerf tiegħek bla qjies;

agħmel li nifhmu sewwa l-glorja tal-Feddej tagħna fil-passjoni tiegħu, biex qatt ma jonqosna l-kuraġġ li niftaħru bis-salib ta' l-istess Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li hu Alla.

Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. Amen.